MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Numru 611/2006

Il-Pulizija
(Sp Joseph Cordina)
vs
Maria Seabrook, bint Carmel
Micallef, imwielda tas-Sliema
fis-27 ta' ottubru, 1954

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputata talli fit-22 ta' ġunju, 2006 u f'dati preċedenti, fil-Gudja, approprjat ruħha, billi dawwret bi profitt għaliha jew għal ħaddieħor mis-somma ta' aktar minn Lm1,000 fi flus kontanti, kif ukoll dokumenti ta' l-identita' u dokumenti oħra mediċi ta' Rita Micallef, liema oġġetti ġew fdati jew ikkunsinnati lilha taħt titolu li ġġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnhom speċifikat minħabba l-kariga jew servizz tagħha, jew minħabba depożitu neċessarju.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-10 ta' ottubru, 2006 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazjzoni kontra l-imputata u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub – fl-artikoli 293, 294, 310, 20 u 30 tal-Kodiċi Kriminali; bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' ottubru, 2006 fejn l-imputata tat il-kunsens tagħha biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lid-difensur ta' l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li meta sar ir-rapport lill-pulizija Rita Micallef, li hi omm l-imputata, ma kinitx f'kondizzjoni luċida. Meta hi xehdet kellha kliem ta' tifħir għal bintha, l-imputata, u ikkonfermat li l-imputata ma kienet ħadet xejn. Għalhekk, kwalunkwe konsiderazzjoni hi żejda.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------